A.L. 192 ta' l-2003

ATT BIEX JIRREGOLA T-TELEKOMMUNIKAZZJONI (KAP. 399)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Servizzi ta' Telekomunikazzjonijiet (Ġenerali) (Emenda Numru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 ta' l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjonijiet (Regolamentazzjoni), il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar Servizzi ta' Telekomunikazzjonijiet (Ġenerali) (Emenda Numru 2) u għandhom jinqraw u jkunu interpretati bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2000 dwar Servizzi ta' Telekomunikazzjonijiet (Ġenerali), minn issa 'l quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 151 ta' l-2000.

Jemenda regolament 37 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jkun emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jitħassar, u

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi rinumerat bħala subregolament (2).